MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2012

Appell Civili Numru. 921/2008/1

**Learnkey Limited (C-24652)**

**vs**

**Claudia Spiteri (K.I. 583488(M) u Josephine Spiteri (K.I. 763138(M)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Illi fl-1 ta’ Dicembru 2011 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ppronunzja s-segwenti d-decizjoni fl-ismijiet premessi: -

*“It-Tribunal,*

*Ra l-avviz tat-talba fl-ismijiet premessi pprezentat fil-25 ta’ Novembru 2008 li permezz tieghu s-socjeta’ attrici ippremetiet is-segwenti :*

*1. Illi s-socjeta' attrici tforni diversi servizzi ta' taghlim u ta' stharrig f'numru ta' dixxiplini;*

*2. Illi l-konvenuta, Claudia Spiteri, bint il-konvenuti l-ohra fis-sena 2006, kienet applikat sabiex tibda' tattendi kors offrut mis-socjeta' attrici;*

*3. Illi qabel ma kien beda l-kors ta' stharrig fid-dixxiplina selezzjonata mill-konvenuta, din kienet dahlet fi ftehim appozitu intitolat' Learn Key Training Institution – Agreement & Regulations' (ara 'Dok LK.1' (anness) fejn kien hemm stabbilit bejn il-partijiet f'din il-kawza l-obbligazzjoni u dmirijiet tal-partijiet rispettivi;*

*4. Illi l-kors de quo kien mifrux fuq perjodu ta' sentejn u kien jammonta ghal €3,028.19 (Lm1,3000.00c0). Minn dan l-ammont l-konvenuta kienet lahqet hallset is-somma ta' €1,630.56 (Lm700.00c);*

*5. Illi f'dan l-imsemmi ftehim hemm precizat (a pagina 5 ta' l-istess) illi fl-eventwalita' li student jieqaf jattendi l-kors qabel ma jiddekorri l-perjodu prefiss ta' sentejn (2), l-istess student ghandu l-obbligu jhallas il-kors intier u dan ghax dak l-istudent ikun ha l-post ta' potenzjali student iehor ghaz-zewg snin imsemmija.*

*6. Illi tali klawsola giet debitament moqrija u spjegata lill-konvenuti Claudia u Josephine Spiteri, u huma volontarjament u liberament appendew il-firma taghha bl-intenzjoni li jintrabtu b'tali ftehim, sabiex il-konvenuta Claudia Spiteri, tibda' tattendi l-kors u/jew dixxiplina minnha maghzula.*

*7. Illi dakinhar l-ispjega ta' tali klawsola u l-konsegwenzi taghha saret lill-konvenuta Claudia Spiteri, fil-prezenza ta' genitur taghha, u dan hekk kif jidher mill-ahhar faccata tal-ftehim anness fejn hemm addirittura l-firma tal-istess genitur tal-konvenuta.*

*8. Illi ghalkemm il-konvenuta, Claudia Spiteri, bdiet tattendi l-kors fid-dixxiplina minnha maghzula, wara certu*

*zmien din waqfet taghmel hekk u dan minghajr ebda spjegazzjoni.*

*9. Illi ghalhekk skatat l-operativita’ tal-imsemmija klawsola;*

*10. Illi ghalkemm imsejjha u nterpellata, kemm tramite telefonati, b’ittri legali u b’ittra ufficjali (ara ‘Dok LK.2’ hawn anness), il-konvenuti baqghu inadempjenti u b’hekk is-somma bilancjali fl-ammont ta’ €1,397.62 (ekwivalenti ghal Lm600.00c) ghadha pendenti u dovuta mill-konvenuti;*

*11. Illi ghalhekk jghidu ghaliex il-konvenuti m’ghandux dan it-Tribunal:*

*i. jiddikjara l-konvenuti in solidum debituri versu s-socjeta’ attrici fl-ammont ta’ €1,397.62 (ekwivalenti ghal Lm600.00c) u*

*ii. Jikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lis-socjeta’ attrici l-ammont appena ndikat.*

*Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta l-ittra ufficjali ai termini tal-Art 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta datata 15 ta’ Mejju, 2008 u bl-imghax legali mid-data tan-notifika tal-imsemmija ittra ufficjali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti li gew ngunti ghas-subizzjoni.*

*Ra r-risposta tal-konvenuti fejn cahdu kategorikament dak indikat fl-avviz promotorju bhala nfondat fil-fatt u fid-dritt bl-ispejjes kontra l-istess socjeta’ attrici. Illi minghajr pregudizzju, pjuttost kienet l-istess socjeta’ attrici li naqset milli ottemperat ruhha mal-ftehim u li kienet anki giet indikata verbalment sabiex l-esponenti jithajru bil-konsegwenza li ma gie onorat xejn fejn, bhala rizultat l-esponenti sofrew konsegwenzi serji rizultat f’danni li qed jirrizervaw li se jiehdu f’stadju ulterjuri.*

*Salv risposta ulterjuri.*

*Sema' x-xiehda ta' Kenneth Cefai u ra l-affidavit ta' Shirley Thomas (amministratrici tal-iskola) prodotti mis-socejta' attrici.*

*Ra l-affidavits tal-konvenuti Claudia Spiteri, Josephine Spiteri u Andrew Spiteri*

*Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti;*

*Ra l-atti kollha tal-kawza;*

*Ra n-noti tas-sottomissjonijiet tal-konsulenti legali tal-partijiet*

*Ra l-verbal tas-seduta ta' nhar it- 13 ta' Gunju, 2011 li bih il-kawza thalliet ghal-llum ghas-sentenza;*

***Ikkunsidra.***

*Il-kaz in kwistjoni huwa dwar talba ghall-hlas ta' kors ta' stharrig ghall-sentejn liema kors ma giex komplut minn studenta. Illi l-eccezzjonijiet tal-konvenuta huma fis-sens li fil-mertu ma huwa dovut l-ebda ammont stante inadempjenza kontrattwali.*

*Illi mill provi jirrizultaw is-segwenti fatti : illi l-konvenuta, Claudia Spiteri, bint il-konvenuti l-ohra, fis-sena 2006 kienet applikat sabiex tibda' tattendi kors ta' tahrig, ossia Diploma f'Administration u Business, offrut mis-socjeta' attrici. Dan il-kors kien ghal sentejn. Il-konvenuta u ommha Antoinette Spiteri kienu iffirmaw ftehim intitolat "learn key training institution – Agreement and Regulations". Illi wara sena, f'nofs il-kors il-konvenuta telqet mill-iskola.*

*Illi skont ix-xhieda prodotti mis-socjeta attrici (Ara x-xhieda ta' Kenneth Cefai u l-affidavit Shirley Thomas a fol 16 tal-process paragrafu 2) s-sistema ta' registrazzjoni tal-iskola kienet is-segwenti: illi l-ewwel l-istudenti kienu jimlew applikazzjoni u jhallsu depozitu u mbaghad gimghatejn qabel ma jibda il-kors kien jkun hemm laqgha ghall-istudenti kollha fejn jinghataw id-dettalji tal-kors u jiffirmaw*

*il-kuntratt. Dan il-kuntratt kien jigi spjegat fil-laqgha ukoll. F'dan il-kuntratt "DOK LK1" kien indikat illi jekk wiehed ma jkomplix il-kors xorta wahda jkollu jhallas ghall-kors kollu.*

*Kenneth Cefai u Shirley Thomas fix-xhieda taghhom iddikjaraw illi l-konvenuta Claudia Spiteri telqet wara sena ghaliex lejn l-ahhar tal-ewwel sena kienet qieghda jkollha problemi ma' studenti ohrajn. Dawn il-problemi kienu ta' natura personali li kienu ukoll wasslu biex indahhlu l-genituri. Fil-fatt kien hemm ukoll laqgha bejn il-konvenuti u l-genituri l-ohra fejn is-sur Cefai kien wissihom illi jekk dan l-agir ikompli l-istudenti kienu jitkeccew (Ara ix-xhieda ta Kenneth Cefai). Wara li ghamlet l-ezamijiet tal-ewwel sena, il-konvenuta (flimkien mal-genituri taghha) ltaqat ma' Kenneth Cefai fejn informatu illi riedet tieqaf milli tattendi l-kors. Ix-xhud iddikjara li kien indikalhom illi kellhom xorta wahda ihallsu l-pendenzi (Ara xhieda ta Kenneth Cefai A fol 22 tal-process)*

*Claudia Spiteri fix-xhieda taghha sostniet illi r-ragunijiet ghaliex telqet kienu diversi. Kienu pero' kollha problemi tal-*
*amminstrazzjoni. Fl-ewwel lok is-socjeta attrici kienet weghdet illi fi klassi ma kienx ser jkun hemm aktar minn tnax-il student u fil-fatt kien hemm tnejn u ghoxrin u li wkoll kien hemm nuqqas ta' dixxiplina. Il-konvenuta zzid illi kienu tkellmu mall-amminstrazzjoni li assigurahom illi dak li weghdu xorta kien ser isir. (Ara affidavit Claudia Spiteri a fol 45 tal-process). Hi kkonfermat illi kellha problemi mal-istudenti u li Kenneth Cefai ma kien ghamel xejn dwar dan. Hi ziedet illi kienu telqu hafna student minhabba s-sitwazzjoni dizastruza tal-amminstrazzjoni. Il-konvenuti pero` ma ressqu l-ebda student iehor biex jikorrobora dan.*

*It-Tribunal ihoss illi il-punti li tqajjmu mill-konvenuti huma punti validi. Il-konvenuti issostnu illi l-amminstrazzjoni kienet weghdithom illi fi klassi ma kienx ser jkun hemm aktar minn tnax-il (12) student. Ara ukoll "Dok KC1", 'intake for this class will be limited to 12 students pending an interview with the school Principal'.*

*It-Tribunal mhuwiex konvint bl-ispjegazzjoni ta' Kenneth Cefai li qal li dan kien intiz biss ghan-numru ta' studenti li kienu ser jiehdu l-istipendju. L-ittra fiha nnifisha hija cara u jekk ma kinitx intiza li tindika il-kwantita' ta' studenti kienet, skont dan it-Tribunal, qarrieqa. Pero' jirrizulta wkoll illi l-istudenta wara l-ewwel laqgha u qabel ma' iffirmat il-kuntratt kienet taf kemm kien ser jkun hemm studenti fil-klassi. It- Tribunal ihoss ukoll li huwa nuqqas kbir da parti ta' skola li studenti ma jinghatawx rizultati minhabba n-nuqqas ta' kontroll taghha fuq l-istudenti u li thalli ikkupjar da parti ta' disghin fil-mija (90%) tal-klassi. Dan juri problema serja fit-tmexxija tal-iskola.*

*It-Tribunal pero', in vista, ghandu jikkonsidera jekk dawn jistghu jwasslu lit-Tribunal biex jikkonkludi illi kien hemm inadempjenza kontrattwali da parti tas-socjeta' attrici jew jekk fil-fatt kien nuqqas ta' qbil bejn l-istudenti li wassal li studenta hasset li ma setghetx tkompli bl-istudji taghha f'din l-iskola.*

*Illi ghalkemm it-Tribunal jinnota illi kien hemm klawzola cara fil-kuntratt li timponi il-hlas tal-mizata kollha, pero' dan*
*ma jfissirx illi tista' taghmel li trid u xorta tithallas. It-Tribunal jhoss illi l-iskola setghat tkun aktar onesta fit-tmexxija taghha u li tmexxi l-amministrazzjoni taghha b'mod ahjar.*

*Ghal dawn il-motivi, u arbitrio boni viri, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tal-atturi in parte u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta' seba' mitt ewro (€700), bl-imghax skont il-ligi millum sal-jum tal-pagament effettiv. Bl-ispejjes ta' dina l-kawza jigu sopportati ugwalment bejn il-partijiet."*

Rat ir-rikors tal-appell ta' Claudia Spiteri et datat 19 ta' Dicembru 2011 fejn talbet lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnha mressqa tilqa' l-appell taghha u dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess socjeta' appellata.

Rat ir-risposta tal-appell tas-socjeta’ Learnkey Limited (C-24652) ghall-appell introdott minn Caludia Spiteri et u appell incidentali tal-istess socjeta` Learnkey Limited (C-24652) datati 4 ta’ Jannar 2012 a fol 6 tal-process fejn talbu biex tilqa’ dan l-appell incidentali u wara li tirrevoka, thassar u tikkancella s-sentenza appellata tal-1 ta’ Dicembru 2011 moghtija mit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar, tghaddi sabiex tichad ir-risposta tal-konvenuti u tghaddi sabiex tilqa` t-talbiet tal-istess kumpanija kif dedotti fl-att promotur b’dan illi tikkundanna lill-konvenuti kollha u *in solidum* biex ihallas lis-socjeta` atturi s-somma ta’ €1397.62 bl-imghax legali dekorribli mid-data tan-notifikat tal-ittra ufficcjali datata 15 ta’ Mejju 2008 sad-data tal-pagament effettiv istanza, nterament a karigu tal-istess konvenuti.

Rat ir-risposta tal-appellati Claudia Spiteri u Josephine Spiteri ghall-appell incidentali tas-socjeta’ Learnkey Limited datata 26 ta’ Jannar 2012 a fol 23 tal-process fejn sostniet li ghar-ragunijiet hemm indikati d-decizjoni tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud bl-ispejjez kollha taz-zewg istanzi.

Rat li dan l-appell kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tal-15 ta’ Mejju 2012.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fil-15 ta’ Mejju 2012 fejn meta ssejjah l-appell deher Dr. Kevin Camilleri Xuereb ghas-socjeta` appellata. Posposta. Meta rega’ ssejjah l-appell deher ukoll Dr. Mark Busuttil ghall-appellant li rrimetta ruhu ghall-atti. L-appell gie differit ghas-sentenza in difett ta’ ostakolu ghat-8 ta’  Novembru 2012.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza nkluz id-decizjoni tat-Tribunal ghal Talbiet fl-ismijiet premessi datata 1 ta’ Dicembru 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi dan l-aggravju tal-appellanti huwa fis-sens li la darba s-socjeta’ appellata ma onoratx l-obbligi taghha mela hija ma hijiex tenuta thallas ebda ammont.

Illi l-appell incidentali tas-socjeta’ attrici huwa fis-sens li sar apprezzament hazin tal-provi mit-Tribunal, u wkoll li saret interpretazzjoni hazina tad-dritt u wkoll li l-provi kellhom jigu arginati fuq inadempjenza kontrattwali u mhux fuq kongetturi.

Illi dwar l-appell inghad li dan huwa null ghaliex ma’ gewx rispettati d-disposizzjonijiet tal-artikolu 147 (1) tal-Kap. 12 u dan ghaliex r-rikors tal-appell hemm indikat biss li sar f’isem Claudia Spiteri et. Din il-Qorti thoss li dan l-aggravju ma huwiex sostnut ghaliex jirrizulta li l-appell sar miz-zewgt konvenuti li wkoll huma indikati fl-okkju.

Illi l-istess jinghad dwar l-eccezzjoni li l-appell ma’ sarx skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 142 (1) tal-Kap. 12** u dan peress li din il-Qorti thoss li fl-appell principali gew osservati l-principji bazici ta’ kif ghandu jkun appell u f’hiex ghandu jikkonsisti nkluz it-talba jew talbiet li kellhom ikunu kontenuti fl-istess. Din il-Qorti thoss li ma hemmx l-estremi sabiex l-appell jigi ddikjarat null. Apparti dan certament li s-socjeta’ appellata ma soffriet l-ebda pregudizzju ta’ xejn.

Illi mill-bqija jidher li kemm l-appell u kemm l-appell incidentali huma stedina lill din il-Qorti sabiex taghmel mill-gdid apprezzament ta’ fatti u wkoll sabiex tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dik tat-Tribunal Ghal Talbiet iz-Zghar u f’dan il-kuntest jinghad li din il-Qorti bhala apprezzament ta’ provi ma tiddisturbax facilment id-diskrezzjoni tal-Ewwel Istanza hlief meta jirrizulta li jkun sar zball manifest li jkun pregudika serjament l-andament tal-kawza u ikkawza ingustizzja lill-

parti leza (**"George Baldacchino vs Liliana Cauchi et"** (A.I.C. (RCP) – 26 ta'
Gunju 2012); **"Rausi Insurance Agency Limited vs Limited vs Charles sive Carmel Galea et"** (A.C. – 16 ta Frar 2007); **"Sunspory Tours Limited vs C. H. Caterers Limited"** (A.C. – 24 ta' Settembru 2004); **"Elena Magri et vs Rosaria Borg"** (A.C. – 10 ta' Frar 1961); **"Beatrice Manche nomine vs Maria Montebello"** (A.C. – 13 ta' Frar 1961); **"Giuseppe Buttigieg vs Nicola Aquilina"** (A.I.C. – 11 ta' Settembru 1939).

Illi din il-Qorti ezaminat l-atti kollha tal-kawza u din il-Qorti thoss li t-Tribunal f'dan il-kaz ghamel apprezzament sew tal-provi quddiemu fis-sens li l-konsiderazzjonijiet u l-konkluzzjonijiet li ha kienu fil-parametri tal-provi quddiemu prodotti u seta' kif fil-fatt ghamel jilhaq din il-konkluzzjoni.

Illi jinghad ukoll li d-decizjoni trid tinqara fl-intier taghha u jirrizulta li ghalkemm hemm l-klawsola indikata mis-socjeta' attrici li tipprovdi b'mod car kif ghandu jsir il-hlas skont ftehim datat 16 ta' Settembru 2006, jirrizulta wkoll li skont ittra datata 3 ta' Lulju 2006, kull klassi kellha tkun ta' 12 il-student u mhux 22 kif fil-fatt kienet.

Illi jirrizulta wkoll li gew ippruvati wkoll l-allegazzjonijiet ohra tal-konvenuti dwar in-nuqqas ta' amministrazzjoni u hekk jirrizulta li kien hemm nuqqas ta' adempjiment tal-obbligi mis-socjeta' attrici appellata u allura l-konkluzzjoni fuq dan il-punt kienet sewwa mit-Tribunal anke fil-kuntest li l-kuntratti jridu jigu esegwiti in *buona fede* **("AX Construction Limited vs Tony Mallia Bonello"** (A.I.C. (PS) 10 ta' Ottubru 2005); **"George Portanier nomine vs Charles Bezzina et"** (P.A. (PS) – 3 ta' Ottubru 2003); **"Angelo Xeureb (Construction) Limited vs Tony Mallia Bonello"** (A.C. – 28 ta' April 2006).

Illi f'dan il-kuntest allura din il-Qorti taqbel ma' dak deciz mit-Tribunal u jidher li l-istess Tribunal hass li dawn in-nuqqasijiet ma kellhomx iwasslu sabiex jinnewtralizzaw ghal kollox il-klawsola kollha dwar il-hlasijiet li kienu pattwieti u mexa wkoll fuq il-principji ta' ekwita' kif jista' jaghmel skont id-disposizzjonijiet tal-Kap u laqgha biss *in*

*parte* t-talba tas-socjeta' attrici appellata. B'hekk fuq dawn il-punti l-appell principali u l-appell incidentali qed jigu respinti.

Illi dwar l-imghax la darba d-decizjoni tat-Tribunal ma laqghetx l-ammont kollhu rikjest mela allura din il-Qorti thoss li anke d-decizjoni dwar l-imghax hija korretta u ma l-Qorti ma thossx li ghandha tibdel l-istess tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi b'hekk kemm l-appell principali u kemm l-appell incidentali qed jigu michuda.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi **tichad l-appell principali propost mill-appellanti, kif ukoll l-appell incidentali prezentat mis-socjeta' appellata, u ghalhekk tikkonferma d-decizjoni tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar datata l-1 ta' Dicembru 2011 fl-ismijiet "Learnkey Limited vs Claudia Spiteri et" (Talba Numru 921/08 KPS) ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.**

**Bl-ispejjez tal-appell principali a karigu tal-appellanti Spiteri u tal-appell incidentali ghas-socjeta' appellata Learnkey Limited.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------